# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru 2024**

**Avviż Nru: 2131/2021/1**
**Nru fuq il-Lista: 2**

**Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 2131/2021 fl-ismijiet:**

**Nicholas Calleja (K.I. 347583M), Michael Calleja (K.I. 213787M), u A.M. Holdings Limited (C3936)**

**vs**

**Franco Grech u Ralph Vella (K.I. 199782M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur imressaq minn Ralph Vella nhar il-25 ta' Ottubru 2023[1], fejn ġie premess u mitlub hekk:

1. *Illi r-rikors odjern qiegħed jiġi ppreżentat mill-esponenti ai termini tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġunijiet segwenti;*

2. *Illi permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru ta' referenza 2131/2021, maħruġa taħt l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, Nicholas Calleja, Michael Calleja u A.M. Holdings Limited talbu il-ħlas ta' kreditu li fil-fehma tagħhom kien ċert, likwidu u dovut mill-esponenti u ċertu Franco Grech;*

3. *Illi l-istess ittra uffiċjali qatt ma ġiet notifikata lill-esponenti u l-esponenti sar jaf biss bl-istess ittra meta huwa ingħata informazzjoni fuq mandat li nħareġ abbażi tal-istess Ittra. Ulterjorment, l-istess mandat, bin-numru ta' referenza 755/2022 bl-istess mod qatt ma ġie notifikat formalment lill-esponenti. L-esponenti jaf bl-ittra Uffiċjali u bil-mandat fuq imsemmija hekk kif kien hemm komunikazzjoni informali mal-Bank tiegħu;*

4. *Illi ġaladarba l-esponenti qatt ma kien notifikat bl-Ittra Uffiċjali, huwa ma kellux opportunita' jippreżenta nota sabiex jopponi għaliha entro t-terminu stabbilit mil-liġi, u għaldaqstant l-istess Ittra ġiet reża eżekuttiva, bil-ħruġ tal-mandat surreferit;*

[1] A fol 1 tal-proċess.

5. *Ulterjorment l-esponenti ma' setgħax jintavola dan ir-rikors iktar kmieni, hekk kif formalment, il-mandat li ssir referenza għalih iktar il-fuq għadu mhux notifikat lilhu u sar jaf bih ftit tal-ġranet ilhu;*

6. *Illi dan kollu, u ċioe li kemm l-Ittra u kif ukoll il-Mandat qatt ma ġew notifikati lill-esponenti, jista' jiġi faċilment ikkonfermat meta wieħed iħares lejn ir-riferti uffiċjali, fejn b'referenza għall-ittra Uffiċjali, din jidher li tħalliet il-posta, hekk kif il-karta r-roża mhux iffirmata mid-destinatarju, u b'referenza għall-mandat, il-marixxall inkarigat jagħmel in-notifika għamel notamenti li juru li l-esponenti qatt ma ġie notifikat bl-istess mandat;*

7. *Illi jekk kemm il-darba wieħed janalizza dak li tipprovdi l-liġi b'referenza għan-notifika ta' atti ġudizzjarji u ċioe l-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jidher biċ-ċar illi filwaqt li huwa biżżejjed li kopja tal-att titħalla fil-lok ta' fejn wieħed joqgħod, din trid titħalla f'idejn membru tal-familja tad-dar, jew f'idejn membru tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha;*

8. *Illi f'dan il-każ, la kien hemm notifika, u wisq inqas ma kien hemm notifika ma' waħda mill-persuni msemmija f'dan l-artikolu tal-liġi;*

9. *Illi għalhekk jirriżulta illi ma ġewx sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi sabiex ikun hemm notifika valida fil-konfront tal-esponenti;*

***Għaldaqstant, l-esponenti jitlob lil din il-Qorti jogħġobha salv kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi u prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja:***

1. *Tiddikjara li l-esponenti ma kienx jaf bl-Ittra Uffiċjali maħruġa ai bażi tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet tal-Malta, stante li ma kienx notifikat kif imiss;*

2. *Konsegwentement tirrexindi u tiddikjara null u bla effett t-titolu eżekuttiv ottenut fil-konfront tal-esponenti permezz tal-ittra uffiċjali 2131/2021 maħruġa u reża eżekuttiva taħt l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Novembru 2023[2].

Ra r-risposta ta' Nicholas Calleja, Michael Calleja u AM Holdings Limited mressaq fl-10 ta' Novembru 2023[3] fejn ġie eċċepit hekk:

*Illi l-esponenti qed iressqu din ir-risposta bi twegiba ghar-rikors datat 25 t' Ottubru, 2023 maghmul mill-intimat Ralph Vella, dikjaratament a tenur tal-art. 166A(5) tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Proceduri Civili**.*

*Illi tali sub-artikolu jipprovdi testwalment illi:*

> *Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk*

[2] A fol 8 tal-proċess.
[3] A fol 10 tal-proċess.

*meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċja li għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

*B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fiżmien ġimgħatejn.*

*(6) **Ebda oppożizzjoni, ħlief dik li hemm speċifikament provdut dwarha fis-subartikolu (5), ma għandha twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' xi att eżekuttiv li jinkiseb taħt dak is-subartikolu jew il-ħlas tar-rikavat ta' xi mandat jew bejgħ b'irkantli jsir konformement ma' dan.** (enfazi mizjuda)*

*Illi l-esponenti qeghdin jichdu t-talba tal-intimat bhala wahda totalment infondata fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi, kif jirrizulta kjarament mill-istess subinciz (5), l-azzjoni odjerna tikkostitwixxi (l-unika) opposizzjoni li tista' ssir ghall-ezekuzzjoni tal-att ezekuttiv. Issa f'dan il-kaz jinsab inkontestat li l-att kontestat diga` jinsab ezegwit permezz tal-mandat ezekuttiv odjern li mhux biss gie akkordat imma wkoll imqabdu flejjes appartenenti lill-intimat Vella bis-sahha tieghu u tali somma giet zbankata. Ghaldaqstant ma hemm ebda lok ghal kontestazzjoni tal-att ezekuttiv li issa jinsab diga` ezegwit bill-flejjes relattivi debitament zbankati. Fil-verita` l-azzjoni spettanti lill-intimat Vella mhijiex dik odjerna in kontestazzjoni tal-ezekuzzjoni imma*

*azzjoni a tenur tal-ligi ghall-kontestazzjoni ta' atti ezekuttivi. (art 281 tal-***Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili****). Fil-verita`, l-intimat Vella qed jipprova jattakka wkoll il-mandat ezekuttiv mahrug fil-konfront tieghu u li ghalih japplika l-art. 276 tal-***Kodici t'Organizzazzjoni u Proceduri Civili*** *fejn l-ewwel huwa mehtieg li jagevola l-ezekuzzjoni totali tieghu qabel jikkontestah.*

2. *Illi fit-tieni lok mhuwiex minnu li, kif jinsab allegat mill-inimat Ralph Vella, li hu qatt ma gie notifikat bl-ittra surreferita. Kif jirrizulta sahansitra kjarament mill-estratt mis-sit elettroniku ecourts (Dok A) l-ittra ufficjali tinsab debitament notifikata lil Ralph Vella u kwindi l-istess Ralph Vella jinsab kjarament notifikat bl-istess ittra. L-esponenti jikkontendu li l-intimat Vella kien fil-fatt gie regolarment notifikat bl-ittra ufficjali u naqas milli jressaq risposta ghaliha entro t-terminu statutorju.*

3. *Illi fil-fatt a tenur tal-art. 166B ir-Registratur ta' dina l-Onorabbli Qorti jirrendi l-ittra ufficjali wahda ezekuttiva biss wara li huwa stess jara, jkun konvint u kwindi jiddetermina b'mod konklussiv li l-intimat relattiv huwa notifikat u ma ressaqx il-kontestazzjoni tieghu ghall-addebitu entro t-terminu legali. Dan huwa proprju dak li gara fil-kaz in ezami fir-rigward tal-intimat Ralph Vella. L-esponenti marru sabiex jottjenu kopja tal-ittra ufficjali relattiva imma gew infurmati li din kienet diga` ngabret mid-Deputata ta' dina l-Onorabbli Qorti, prezumibilment sabiex tifforma parti mill-atti odjerni. Konsegwentement l-esponenti qed tirrizerva d-dritt illi tressaq eccezzjonijiet ulterjuri, inkluz li jsejjah lir-Registratur tal-Qorti fi-kawza, skont ma jista' jirrizulta mill-istess ittra li, kif jinghad hawn fuq,*

*ma kenitx disponibbli ghall-esponenti fiz-zmien utli ghar-risposta odjerna.*

4. *Illi ulterjorment, a bazi tal-istess ittra ufficjali reza ezekuttiva, l-esponenti ottjenew sahansitra l-hrug tal-mandat ezekuttiv numru 755/2022 kontra l-istess Ralph Vella. Permezz ta' tali mandat gew maqbudin fondi u kwindi gew ukoll zbankati mill-istess esponenti.*

5. *Illi huwa ghal kollox inverosimili jew mhux impossibbli li l-intimat, kif jinsab qed jallega permezz tar-rikors taghhom gie rez issa biss a konoxxenza tal-ittra u/jew tal-ezekuzzjoni taghha meta tali ezekuzzjoni sehhet fuq kontijiet bankarji taghha fix-xahar t'April, 2022 u kwindi ferm aktar minn sena ilu meta zgur l-intimat Ralph Vella intebah jew messu intebah li kienu ttehdulu flus mill-kont bankarju tieghu li kien u ghadu kolpit mill-mandat.*

6. *Illi l-esponenti jigbed l-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li din l-azzjoni, fost diversi ohrajn, hija biss determinata mill-pika sfrenata li l-intimati ghandhom fil-konfront tal-esponenti multo magis wara li whud mill-esponenti intavolaw fil-konfront taghhom azzjoni fl-ismijiet* **Nicholas Calleja et. v. Franco Grech et** *(Talba numru 316/2023) pendenti kontrihom quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghar-rizarciment ta' danni ulterjuri sofferti minnhom u li ghalihom kienu u ghadhom responsabbli l-istess intimati.*

7. *Illi ghalhekk l-esponenti huma tal-umli fehma li t-talba tal-intimat Ralph Vella ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrih u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-konfront tal-intimati indikati fl-ittra ufficjali surreferita.*

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-26 ta' Frar 2024[4] fejn instemgħet ix-xhieda ta' Karen Falzon (Assistent Reġistratur) u ta' Ralph Vella.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-12 ta' April 2024[5] fejn instemgħet ix-xhieda ta' Catherine Buttigieg, Raymond Pace, Carmen Scerri Lautier u Savio Borg.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024[6] meta nstemgħet ix-xhieda ta' Claude Calleja u seħħet it-trattazzjoni finali.

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Lulju 2024 meta l-proċess tħalla għad-deċiżjoni għal-lum.

Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali u mandat ta' sekwestru msemmija fir-rikors promotur. Ħadet ukoll tagħrif ġudizzjarju taċ-ċedola bin-numru 2976/2022 fl-atti tal-mandat indikat[7].

**Ikkunsidra**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, Ralph Vella li hu jindika qegħdin isiru ai termini tal-artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jitlob it-tħassir u rexissjoni tat-titolu eżekuttiv ottjenut b'ittra uffiċjali maħruġa a tenur

[4] Verbal relattiv jinsab a fol 22 tal-proċess.
[5] Verbal relattiv jinsab a fol 88 tal-proċess.
[6] Verbal relattiv jinsab a fol 157 tal-proċess.
[7] L-ittra uffiċjali, il-mandat ta' sekwestru u ċ-ċedola msemmija ġew debitament allegati ma dawn il-proċeduri.

tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 2131/2021 imressqa fir-reġistru ta' din il-Qorti u bl-ismijiet Nicholas Calleja *et* vs Franco Grech *et.*

Illi x-xhieda kienet din li ssegwi.

Illi xehdet Karen Falzon, Assistent Reġistratur. In eżami[8] hija tgħaddi sabiex tippreżenta kopji tal-atti relattivi. Dwar in-notifika ta' Ralph Vella tal-ittra uffiċjali msemmija tgħid li l-pink card tidher li ġiet ritornata però mhux iffirmata u m' hemmx data fuqha. Skond hi, bi zvista l-usher għamlet notifika pożittiva fuq l-ittra. Ma tistax tgħid jekk Ralph Vella ħax l-ittra uffiċjali. Din it-tip ta' notifika trid li l-persuna jiffirma fuq il-pink card u jibgħat l-istess lura. F'dan il-każ la kien hemm data u lanqas firma. Franco Grech (l-allegat debitur l-ieħor) ma ġiex notifikat. Il-mandat eżekuttiv ukoll ma ġiex notifikat lil Ralph Vella.

Illi xehed ukoll Ralph Vella[9]. Jispjega li l-indirizz 44, Triq ix-Xatt ta' Tigne', Sliema hija mikrija lil kumpanija tiegħu u topera minn hemmhekk. Din hija blokka ta' appartamenti u jinkrew lil turisti. Jgħid li huwa qatt ma ġie notifikat bl-ittra u qatt ma ffirma għaliha. Sar jaf bil-mandat għaliex ċemplulu mill-bank. Mistoqsi mill-Qorti jgħid li l-kumpannija tiegħu hija Short Lets Malta Limited u hija reġistrata in-Naxxar. Il-propjetà ġewwa Ta' Sliema hija b'kirja. In kontro-eżami[10] jgħid li huwa jgħix ġewwa l-fond enumerat għaxra (10), Triq Charles Miceli, The Wind Gates, Naxxar, għad li żamm il-fond 44, flat 9, Amery Street, Sliema fuq il-karta tal-identità. Il-bank kien ċempillu minħabba l-mandat. Huwa

[8] Xhieda mogħtija fis-26 ta' Frar 2024 u tibda a fol 23 tal-proċess.
[9] Xhieda mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Frar 2024 u tibda a fol 65 tal-proċess.
[10] Dan jibda a fol 68 tal-proċess.

mar il-bank u ddepożita l-flus. Huwa ħaseb li peress li l-flus ġew depożitati, allura l-mandat kien sejjer jaqa'. Ġaladarba ma sarx hekk, fetaħ dawn il-proċeduri. Wara dakinhar ma sarx kuntatt ma Claude Calleja. Imbagħad jiġi mistoqsi fuq xi kawżi pendenti, li kienu mistoqsijiet u tweġibiet irrelevanti.

Illi xehdet ukoll *l-usher* Catherine Buttigieg[11]. Hija tispjega li meta l-ittra ġiet lura għandha, hija mlieta u bagħtitha fejn suppost. Ma tiftakarx eżatt dwar din l-ittra għax għadda ż-żmien. Hija ttella l-ittra fir-raba' sular tal-Qorti mbagħad hemm xi ħadd inkarigat sabiex tiġi mpustatha.

Illi xehed ukoll il-Marixxall Raymond Pace[12]. Dan jgħid li meta mar bil-mandat indirizzat lil Ralph Vella ġewwa 44, Triq ix-Xatt, Sliema ma fetaħ ħadd.

Illi xehdet ukoll Carmen Scerri Lautier[13]. Dwar l-ittra in kwistjoni, hi tgħid din ħadet proċess normali. Ma tqassmitx ma l-ewwel tentattiv. Imbagħad reġa' sar tentattiv, inżammet l-Uffiċju tal-Posta (Sliema) għal-ħmistax il-jum u baqgħet ma nġabritx. Dwar il-mandat, dan ukoll ma ġiex notifikat. In kontro-eżami ġie ċċarat li meta jkun hemm indikat *"item delivered, collected by recipient"* dan ifisser li jkun inġabar minn min bagħat l-ittra.

Illi xehed ukoll Savio Borg, rappreżentant tar-Reġistru Elettorali[14]. Huwa jannetti sett ta' dokumenti li juru li fil-fond fejn ġiet impustata l-ittra kien hemm diversi nies reġistrati hemm, iżda mhux Ralph Vella.

---

[11] Xhieda magħmula fis-seduta tat-12 ta' April 2024 u tibda a fol 90 tal-proċess.
[12] Xhieda magħmula fis-seduta tat-12 ta' April 2024 u tibda a fol 94 tal-proċess.
[13] Xhieda magħmula fis-seduta tat-12 ta' April 2024 u tibda a fol 96 tal-proċess.
[14] Xhieda mogħtija fit-12 ta' April 2024 u tibda a fol 104 tal-proċess.

Illi finalment, xehed ukoll Claude Calleja[15]. Jagħti rendikont ta' x'wassal għall-ħruġ tal-ittra uffiċjali. Imbagħad, meta sar il-mandat, il-flus depożitati nġibdu.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi kif diġa ġie senjalat, din tal-lum hija deċiżjoni fuq talba magħmula a tenur tal-artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu fuq aspett **wieħed** tan-nuqqas kontemplat f'dak l-artikolu. Huwa qiegħed jattakka l-eżekuttivita' tal-ittra għaliex jgħid li din att ma ġiet notifikata kif imiss.

Illi permezz ta' l-ewwel difiża tagħhom, l-intimati jgħidu li r-rikorrenti qiegħed iħawwad żewġ azzjonijiet f'waħda. Dan jgħiduh għaliex skond huma f'din il-proċedura tista' tiġi attakkata biss l-ittra uffiċjali u mhux mandati segwenti li jiġu mressqa fuq is-saħħa tat-titolu eżekuttiv ottjenut bl-ittra uffiċjali. Din il-Qorti tgħid li dan l-argument huwa ħażin. Huma issa diversi l-okkażjonijiet fejn ingħad li talba bħal din tista' tirnexxi kemm fir-rigward tat-titolu eżekuttiv u **l-att eżekuttiv** maħruġ bis-saħħa tiegħu[16]. Illi l-artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid hekk:

---

[15] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024 u tibda a fol 158 tal-proċess.

[16] Illi f'dan ir-rigward, fost oħrajn, il-Qorti tagħmel referenza għal dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Simon Balzan vs Rahman Mostafijur,** (Rik Nru: 55/2023) mogħti min din il-Qorti diversament preseduta nhar it-8 ta' Mejju 2024. Bl-istess mod, issir referenza wkoll għal dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Joseph Lautier vs Maria Fenech Attard,** (Rik Nru: 275/2019) mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-24 ta' Ottubru 2022 fejn ingħad hekk: *"Il-Qrati tagħna f'dan ir-rigward dejjem qiesu illi ma' jkunx fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju illi jesiġu li proċedura għar-revoka ta' titolu eżekuttiv ottjenu taħt l-Art 166A tiġi istitwita b'mod separat mill-proċedura għar-revoka ta' mandat eżekuttiv taħt l-Art. 281 tal-Kap. 12. Ġaladarba l-Qorti tiddikjara illi titolu eżekuttiv ikun null u tgħaddi għar-rexissjoni tiegħu, jagħmel sens illi l-Qorti, jekk mitluba tagħmel dan, immedjatament tgħaddi ukoll sabiex tirrexindi mandat eżekuttiv li jkun nħareġ bis-saħħa ta' dak it-titolu eżekuttiv."* Huwa mbagħad

***<u>Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra</u>***, *persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jewxi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dakl-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jewf'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.* ***(enfasi tal-Qorti).***

Illi issa, l-artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

*Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.*

Illi jekk din il-Qorti ssib li l-ittra uffiċjali ma ġietx debitament notifikata u għalhekk ma tistax titqies bħala titolu eżekuttiv, huwa ċar li dik in-nullita ma

---

ta' interess dak li ġie raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Louis Bonnici vs Maria Magdala Sultana,</u>** (App Ċiv Nru: 687/2017/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021.

tistax tipproduċi effetti oħra. Wara kollox, *quod nullum est nullum producit effectum*[17]. Dan l-argument allura qiegħed jiġi mwarrab.

Illi wkoll, waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri ġie kemm il-darba ventilat l-argument li ormai dawn il-proċeduri huma inutili għaliex Ralph Vella, minn jeddu, ddepożita l-ammont mitlub bl-ittra (u bil-mandat). Dan l-argument kien ikun ta' fejda għall-intimati, li kieku ħareġ li Ralph Vella **volontarjament** għażel li jiddepożita l-ammont b'ċedola u mbagħad m'opponiex għall-iżbank. Din il-Qorti ħadet tagħrif ġudizzjarju taċ-ċedola msemmija f'dawn il-proċeduri u dawn il-fatti ma jirriżultawx.

Illi ċ-ċedola saret mill-Bank of Valletta bis-saħħa tal-mandat ta' sekwestru (u allura ma kienx depożitu volontarju, inkundizzjonat). Fit-tieni lok, it-talba għall-iżbank sar mill-intimati attwali, u l-Qorti adita b'dik it-talba, ma ħarġitx dak ir-rikors għan-notifika (ta' Ralph Vella), iżda laqgħet l-istess b'mod immedjat. Għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm rinunzja (taċita jew espressa) ta' Ralph Vela għad-dritt tiegħu li jikkontesta l-mod kif inkiseb it-titolu eżekuttiv u dak li sar sussegwentement. Dan l-argument ukoll għalhekk qiegħed jiġi mwarrab.

Illi jifdal biss il-kwistjoni tan-notifika.

[17] *"Ció che é nullo non produce alcun effetto."* – Brocard 4129, **<u>Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini</u>**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 390.

Illi mingħajr dilungar żejjed, għaliex il-provi huma dawk li huma, jingħad li notifika tista' ssir kemm b'mod dirett u kemm indirettament[18]. Fl-ewwel ipoteżi, il-lok ta' fejn isseħħ in-notifika huwa wieħed irrelevanti[19] mentri fit-tieni lok, hija l-liġi li tgħid b'mod ċar x'inhuma r-rekwiżiti u ma min jista' jitħalla att ġudizzjarju. L-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> *(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika għandu jsir wara li jitħallas id-dritt xieraq dovut lir-reġistru. L-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jirreġistra ċertifikat separat ta' notifika fl-atti ġudizzjarji għal kull tentattiv li jkun sar*

[18] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc,** (App Ċiv Nru: 123/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-28 ta' Marzu 2007.

[19] Dwar l-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ta' interess dak li ġie raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Bezzina *et* vs Dr. Emanuel Bezzina,** (App Ċiv Nru: 4/2009/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Novembru 2011.

Illi ġie ripetutament imfakkar li r-rekwiżit li n-notifika tkun seħħet b'mod regolari hija kwistjoni t'ordni pubbliku u b'hekk il-proċedura għandha tiġi segwita *ad unguem*. In-nuqqas li n-notifika ssir validament għandha konsegwenzi gravi, inkluż it-tħassir ta' dak kollu jkun sar abbażi tal-istess notifika[20].

Illi applikati dawn il-prinċipji għal-każ odjern, huwa pależi li n-notifika hija waħda invalida. Irriżulta ċar li l-ittra ma wasslet qatt għand Ralph Vella u kien biss żball tal-*usher* li indikat riferta pożittiva fuq att li assolutament kellu jindika kien wieħed negattiv.

Illi għalhekk it-talbiet ta' Ralph Vella qegħdin jiġu milqugħa.

Illi finalment, dwar l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tistqarr li kienet tkun propensa tiddeċiedi li dawn jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet għaliex ma tistax tagħti tort lill-intimati li wasslu sabiex ħarġu mandat eżekuttiv fuq ittra uffiċjali li **erronjament** ġiet reża eżekuttiva. Madanakollu, mat-tressieq ta' dawn il-proċeduri, u iktar minn hekk, meta mill-provi kien irriżulta ċar li n-notifika indikata bħala waħda pożittiva kienet żbaljata, dawn baqgħu jinsistu fuq l-eċċezzjonijiet tagħhom. Għalhekk qegħdin issa jitqiesu telliefa u għandhom ibagħtu l-ispejjeż.

---

[20] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Soap and Sponge Company Limited vs SMT Developers Company Limited,** (Ċit Nru: 1736/1998/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Ġunju 2005 fejn ingħad hekk: *"Illi l-Qorti tifhem li l-proċedura mfissra fl-artikolu 187 tal-Kodiċi tal-Proċedura għandha tiġi segwita b'reqqa u n-nuqqas ta' ħarsien tagħha jġib konsegwenzi radikali għas-siwi ta' kulma jkun sar bi ksur tagħha"*. Bl-istess mod, issir referenza għal dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Josette Camilleri vs The Malta Union Club *et*,** (Rik Nru: 1164/2019) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' Frar 2022.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi:

1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' Nicholas Calleja, Michael Calleja u A.M. Holdings Limited;
2) Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba ta' Ralph Vela u b'hekk tirrexindi u tiddikjara null u bla effett t-titolu eżekuttiv ottjenut permezz tal-ittra uffiċjali 2131/2021.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-intimati.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur